Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
HOGAN
ippreżentati fit-28 ta’ Novembru 2019[1]

**Kawża C-565/18**

**Société Générale S.A.**
**vs**
**Agenzia delle Entrate – Direzione Regionale Lombardia Ufficio Contenzioso**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Commissione Tributaria Regionale per la Lombardia (l-Italja))

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Moviment liberu tal-kapital — Taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji — Azzjonijiet jew strumenti finanzjarji oħra maħruġa minn kumpanniji residenti fl-Italja”

1. Għalkemm din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda prinċipalment l-interpretazzjoni tal-Artikolu 63 TFUE, hija tqajjem il-kwistjoni fundamentali dwar jekk l-erba’ libertajiet fundamentali (merkanzija, persuni, servizzi u kapital) relatati mas-suq intern jistabbilixxux limitu għad-dritt ta’ Stat Membru li jimponi taxxa fuq ċerti tranżazzjonijiet abbażi ta’ kriterji oħra għajr dawk standard bħalma huwa t-territorjalità. Id-domanda tqum bil-mod li ġej.

2. Din it-talba tressqet fil-kuntest ta’ kawża bejn Société Générale SA u l-Agenzia delle Entrate — Direzione Regionale Lombardia (Amministrazzjoni Fiskali — Direttorat Reġjonali tal-Lombardia, l-Italja), dwar talba għal rimbors tal-ammont ta’ taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji mħallsa minn Société Générale wara l-konklużjoni ta’ strumenti finanzjarji derivati.

3. B’mod iktar preċiż il-kwistjoni prinċipali mqajma minn din il-kawża tirrigwarda t-test li għandu jitwettaq sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn il-libertajiet fundamentali jipprekludux jew le l-adozzjoni ta’ taxxa dovuta fuq kwalunkwe tranżazzjoni li tinvolvi strumenti finanzjarji derivati li għandhom bħala assi sottostanti wieħed jew iktar mill-istrumenti finanzjarji rregolati mid-dritt Taljan, irrispettivament mill-post fejn l-operazzjoni kienet konkluża u mill-Istat ta’ residenza tal-partijiet kontraenti.

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

## I. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

4. L-Artikolu 1 tal-Legge n. 228 – Disposizioni per la formazione del bilancio annuale e pluriennale dello Stato (Legge di stabilità 2013) (il-Liġi Nru 228, dwar id-dispożizzjonijiet għall-istabbiliment tal-baġit annwali u multiannwali tal-Istat (il-Liġi ta' Stabbiltà 2013)), tal-24 ta' Diċembru 2012 (GURI Nru 302, tad-29 ta' Diċembru 2012, suppliment ordinarju Nru 212, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Liġi Nru 228/2012"), jipprovdi, fil-paragrafi 491, 492, 494 u 495 tiegħu:

"491. It-trasferiment ta' sjieda ta' azzjonijiet u ta' strumenti finanzjarji oħra parteċipanti msemmija fl-Artikolu 2346(6) tal-Kodiċi Ċivili Taljan, maħruġa minn kumpanniji residenti fit-territorju tal-Istat, kif ukoll it-titoli li jirrappreżentaw dawn l-istrumenti, irrispettivament mill-Istat ta' residenza tal-entità emittenti, huma suġġetti għal taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji bir-rata ta' 0.2 % tal-valur tat-tranżazzjoni. It-trasferiment tas-sjieda ta' azzjonijiet li jirriżulta mill-konverżjoni ta' bonds huwa wkoll suġġett għat-taxxa msemmija hawn fuq. […] Il-valur tat-tranżazzjoni huwa ddefinit bħala l-bilanċ nett ta' tranżazzjonijiet ta' kuljum relatati mal-istess strument finanzjarju u konkluż fl-istess jum tan-negozju minn entità waħda, jiġifieri, il-korrispettiv miksub. It-taxxa hija dovuta indipendentement mill-post tal-konklużjoni tat-tranżazzjoni u tal-Istat ta' residenza tal-partijiet kontraenti. Ir-rata ta' taxxa hija mnaqqsa bin-nofs għal trasferimenti li jseħħu fuq is-swieq irregolati u l-faċilitajiet kummerċjali multilaterali. Huma esklużi mit-taxxa l-ħruġ u l-annullament tal-azzjonijiet u tal-istrumenti finanzjarji msemmija iktar 'il fuq kif ukoll il-konverżjoni f'azzjonijiet ġodda maħluqa u ċ-ċessjoni temporanja tat-tranżazzjonijiet fuq titoli, imsemmija fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1287/2006 tal-10 ta' Awwissu 2006. It-taxxa teskludi wkoll it-trasferimenti ta' sjieda ta' azzjonijiet nnegozjati fuq swieq irregolati jew sistemi multilaterali ta' negozjati, maħruġa minn kumpanniji li l-kapitalizzazzjoni medja tas-suq tagħhom f'Novembru tas-sena li tippreċedi dik li matulha t-trasferiment tas-sjieda jseħħ huwa inqas minn EUR 500 miljun.

492. It-tranżazzjonijiet li jirrigwardaw strumenti finanzjarji derivati previsti fl-Artikolu 1(3) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 58, tal-24 ta' Frar 1998, kif emendata, li għandhom bħala l-istrument sottostanti tagħhom wieħed jew iktar mill-istrumenti finanzjarji previsti fil-paragrafu 491, jew li l-valur tagħhom jiddependi essenzjalment minn strument finanzjarju wieħed jew iktar imsemmija fl-istess paragrafu, u tranżazzjonijiet f'titoli previsti fl-Artikolu 1(1-bis, punti (c) u (d), tal-istess digriet leġislattiv, li jippermetti x-xiri jew il-bejgħ prinċipalment ta' strument finanzjarju wieħed jew iktar imsemmija fil-paragrafu 491 jew li jinvolvu ħlas fi flus kontanti ddeterminat prinċipalment fir-rigward ta' strument finanzjarju wieħed jew iktar imsemmi fil-paragrafu preċedenti, inklużi mandati, mandati u ċertifikati koperti, għandhom ikunu suġġetti, fil-ħin ta' konklużjoni, għal taxxa fissa, iddeterminata skont it-tip ta' strument u l-valur tal-kuntratt, skont it-Tabella 3 annessa ma' din il-liġi. It-taxxa hija dovuta indipendentement mill-post ta' konklużjoni tat-tranżazzjoni u mill-Istat ta' residenza tal-partijiet kontraenti. Fil-każ fejn it-tranżazzjonijiet imsemmija fl-ewwel sentenza jipprevedu wkoll, bħala mod ta' regolament, it-trasferiment ta' azzjonijiet jew ta' strumenti finanzjarji oħra parteċipanti, it-trasferiment tad-dritt ta' proprjetà ta' tali strumenti finanzjarji, li jseħħ fil-mument tat-tranżazzjoni, huwa suġġett għat-taxxa skont il-modalitajiet u sa fejn previst fil-paragrafu 491.

493. […]

494. It-taxxa prevista fil-paragrafu 491 hija dovuta miċ-ċessjonarju; dik prevista fil-paragrafu 492 hija dovuta sa fejn huwa stabbilit minn kull waħda mill-kontropartijiet għat-tranżazzjonijiet. It-taxxa prevista fil-paragrafi 491 u 492 ma tapplikax għall-entitajiet li jintervjenu fl-istess operazzjonijiet. Fil-każ ta' trasferiment ta' sjieda ta' azzjonijiet u ta' strumenti finanzjarji previsti fil-paragrafu 491, kif ukoll għat-tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji previsti fil-paragrafu 492, it-taxxa għandha titħallas mill-banek, il-kumpanniji ta' trusts u l-impriżi ta' investiment awtorizzati sabiex jipprovdu servizzi ta' investiment u ta' attivitajiet lill-pubbliku b'mod professjonali […] kif ukoll minn entitajiet oħra li jikkontribwixxu għall-eżekuzzjoni tat-tranżazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, inklużi l-intermedjarji mhux residenti. Meta diversi entitajiet imsemmija fit-tielet sentenza jintervjenu fl-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni, it-taxxa hija dovuta mill-entità li tirċievi l-ordni direttament mix-xerrej jew

mill-kontroparti finali. Fil-każijiet l-oħra, it-taxxa titħallas mill-persuna taxxabbli. L-intermedjarji li ma humiex residenti u l-entitajiet l-oħra li jipparteċipaw fit-tranżazzjoni jistgħu jaħtru rappreżentant fiskali [...] li huwa responsabbli, taħt l-istess kundizzjonijiet u bl-istess responsabbiltajiet bħall-entità mhux residenti, għall-obbligi relatati mat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi preċedenti. [...]

495. It-tranżazzjonijiet imwettqa fis-suq finanzjarju Taljan, huma suġġetti għat-taxxa fuq in-negozjati ta' frekwenza għolja marbuta mal-istrumenti finanzjarji previsti fil-paragrafi 491 u 492 [...]".

5. It-Tabella 3, imsemmija fl-Artikolu 1(492) tal-Liġi Nru 228/2012, annessa magħha, intitolata "Tabella: taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji permezz ta' strument finanzjarju (valur iddenominat f'euro għal kull kontroparti)", hija fformulata kif ġej:

| | Valur nazzjonali tal-kuntratt (f'eluf ta' EUR) | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Strument finanzjarju | 0-2.5 | 2.5-5 | 5-10 | 10-50 | 50-100 | 100-500 | 500-1000 | Iktar minn 1000 |
| Kuntratti għal futures, ċertifikati, mandati koperti u kuntratti ta' opzjoni fuq ir-redditi, il-miżuri jew l-indizji dwar l-azzjonijiet | 0.01875 | 0.0375 | 0.075 | 0.375 | 0.75 | 3.75 | 7.5 | 15 |
| Kuntratti għal futures, mandati, ċertifikati, mandati koperti u kuntratti ta' opzjoni ta' ekwità | 0.125 | 0.25 | 0.5 | 2.5 | 5 | 25 | 50 | 100 |
| Pjanijiet ta' ekwità u servizzi konnessi, ħjiel jew miżuri<br>Kuntratti u benefiċċji konnessi, indizji jew miżuri<br>kuntratti finanzjarji bi ħlas ta' differenza marbuta mal-azzjonijiet u mad-dikjarazzjonijiet, indizji jew miżuri<br>Kull titolu ieħor meta mqabbla ma' azzjonijiet speċifiċi b'riferiment għall-azzjonijiet u għad-dikjarazzjonijiet, indizji jew miżuri korrispondenti<br>Kombinazzjoni ta' dawn il-kuntratti jew titoli. | 0.25 | 0.5 | 1 | 5 | 10 | 50 | 100 | 200 |

6. L-Artikolu 2(1) tad-decreto del 21 febbraio 2013 del Ministro dell'Economia e delle Finanze (id-Digriet tal-21 ta' Frar 2013 tal-Ministru għall-Ekonomija u għall-Finanzi) (GURI Nru 50, tat-28 ta' Frar 2013, iktar 'il quddiem id-"Digriet tal-21 ta' Frar 2013"), adottat skont il-paragrafi 491 sa 499 tal-Artikolu 1 tal-Liġi Nru 228/2012, jipprovdi:

"It-taxxa msemmija fil-paragrafu 491 hija applikabbli għat-trasferiment tas-sjieda tal-azzjonijiet u tal-istrumenti finanzjarji parteċipanti maħruġa minn kumpanniji residenti fit-territorju tal-Istat. Għal dan il-għan, ir-residenza hija stabbilita skont l-uffiċċju rreġistrat. It-taxxa tapplika wkoll għat-trasferiment tas-sjieda ta' titoli rappreżentattivi, irrispettivament mill-post ta' residenza tal-emittent taċ-ċertifikat u tal-post ta' konklużjoni tal-kuntratt".

## II. Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

7. Fit-28 ta' Marzu 2014, il-fergħa Taljana ta' Société Générale, kumpannija stabbilita fi Franza, ippreżentat lill-awtoritajiet fiskali Taljani dikjarazzjoni dwar it-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji stabbilita mil-Liġi Nru 228/2012. Din id-dikjarazzjoni, għall-valur ta' EUR 55 207, tkopri t-tranżazzjonijiet fi strumenti finanzjarji derivati msemmija fl-Artikolu 1(492) ta' din il-liġi, imwettqa matul is-sena fiskali 2013 mill-kumpannija omm Franċiża.

8. Fl-1 ta' Awwissu 2014, Société Générale talbet lill-awtoritajiet fiskali għal rimbors tal-ammonti mħallsa f'dan ir-rigward, billi sostniet li din id-dispożizzjoni nazzjonali, sa fejn tipprevedi għat-tassazzjoni tat-tranżazzjonijiet finanzjarji relatati mal-kuntratti tad-derivati meta t-titolu sottostanti għal tali kuntratt inħareġ minn entità residenti fl-Italja, indipendentement mill-Istat ta' residenza tal-operaturi finanzjarji u tal-intermedjarju, tkun kuntrarja mhux biss għall-kostituzzjoni Taljana, iżda wkoll għad-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari għall-Artikoli 18, 56 u 63 TFUE.

9. Fit-28 ta' Jannar 2015, fl-assenza ta' risposta mill-awtoritajiet fiskali, Société Générale ippreżentat rikors — ibbażat fuq dawn il-motivi — quddiem il-Commissione Tributaria provinciale di Milano (il-Kummissjoni Fiskali Provinċjali ta' Milano, l-Italja) kontra din id-deċiżjoni taċita ta' rifjut ta' rimbors. B'sentenza tat-18 ta' Mejju 2016, din il-qorti ċaħdet ir-rikors billi kkunsidrat li t-taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji la kienet kontra l-kostituzzjoni u lanqas kontra d-dritt tal-Unjoni.

10. Société Générale appellat kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Commissione Tributaria Regionale per la Lombardia (Il-Kummissjoni Fiskali Reġjonali tal-Lombardija, l-Italja), fejn talbet ir-rimbors tat-taxxa mħallsa abbażi tal-istess argument u, alternattivament, ir-rinviju tal-kawża quddiem il-Corte Costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Italja) jew talba għal domanda preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

11. Il-qorti tar-rinviju tirrileva li l-Artikoli 1(491) sa (500) tal-Liġi Nru 228/2012 stabbilixxew taxxa fuq it-tranżazzjonijiet finanzjarji sabiex jiggarantixxu kontribuzzjoni għall-ispiża pubblika ta' kull entità li twettaq operazzjonijiet relatati ma' strumenti finanzjarji marbuta mat-territorju tal-Istat Taljan. Kuntrarjament għal dak li jsostni r-rikorrent dwar il-Kostituzzjoni Taljana, il-qorti tar-rinviju tqis li teżisti rabta territorjali effettiva u oġġettiva bejn it-taxxa prevista fl-Artikolu 1(492) tal-Liġi Nru 228/2012 u l-ordinament ġuridiku Taljan, peress li kull operatur ekonomiku li jaġixxi f'kuntratti tad-derivati jibbenefika mill-valur tal-attiv sottostanti, li jiddependi mill-ordinament ġuridiku Taljan.

12. Din il-qorti tistaqsi, madankollu, dwar il-konformità tal-Artikolu 1(492) tal-Liġi Nru 228/2012 mal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni. Fil-fatt, kif tirrileva Société Générale, huwa ssuġġerit li l-Artikolu 1(492) tal-Liġi Nru 228/2012 jista' jkun kuntrarju għall-Artikoli 18, 56 u 63 TFUE għal żewġ raġunijiet. L-ewwel nett, it-taxxa introdotta minn din id-dispożizzjoni tittratta b'mod identiku l-persuni taxxabbli residenti u mhux residenti li jista' jikkostitwixxi diskriminazzjoni. It-tieni nett, din it-taxxa

tagħmel l-attivitajiet ta' medjazzjoni finanzjarja inqas attraenti għall-kumpanniji mhux residenti, kemm bl-applikazzjoni tat-taxxa li hija tipprevedi kif ukoll mill-piżijiet amministrattivi u ta' evalwazzjoni li jirriżultaw mill-implementazzjoni tagħha. Din it-taxxa jkollha l-konsegwenza li tipprevjeni l-aċċess għas-suq ta' dawn il-prodotti billi tiskoraġġixxi kemm l-offerta kif ukoll it-talba.

13. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Commissione Tributaria Regionale per la Lombardia (il-Kummissjoni Fiskali Reġjonali tal-Lombardia) ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikoli 18, 56 u 63 TFUE jipprekludu il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta t-tranżazzjonijiet finanzjarji, irrispettivament minn liema jkun l-Istat ta' residenza tal-operaturi finanzjarji u l-intermedjarju, għal taxxa fuq il-partijiet għall-operazzjoni li hija ugwali għal żieda b'rata fissa u dejjem tikber ta' valur skont it-tip ta' strument suġġett għall-operazzjoni u l-valur tal-kuntratt, u li hija dovuta minħabba l-fatt li t-tranżazzjonijiet taxxabbli jikkonċernaw in-negozjati ta' kuntratt tad-derivattiv li s-sigurtà sottostanti tiegħu tingħata minn kumpannija residenti fl-Istat Membru ta' tassazzjoni stess?"

## III. Analiżi

14. Sa fejn id-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tirreferi għal diversi dispożizzjonijiet tat-Trattat, qabel kollox għandu jiġi ddeterminat liema minn dawn id-dispożizzjonijiet huma effettivament rilevanti.

### A. Fuq id-determinazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Trattat

15. Minn naħa, il-qorti tar-rinviju rreferiet kemm għall-Artikolu 56 TFUE kif ukoll għall-Artikolu 63 TFUE.

16. Skont l-Artikolu 56 TFUE "ir-restrizzjonijiet fuq il-liberta' li jiġu provduti servizzi fl-Unjoni għandhom jiġu projbiti fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati Membri li jkunu stabbiliti fi Stat Membru li ma jkunx dak tal-persuna li lilha jingħataw is-servizzi". Min-naħa tiegħu, l-Artikolu 63(1) TFUE jiddikjara li "kull restrizzjoni fuq il-moviment tal-kapital bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi tkun projbita".

17. F'dan il-każ, ir-rikorrenti tikkontesta l-validità tat-taxxa prevista fl-Artikolu 1(492) tal-Liġi Nru 228/2012, dwar strumenti finanzjarji derivati li għandhom bħala assi sottostanti strument finanzjarju rregolat mid-dritt Taljan.

18. F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li l-istrumenti finanzjarji derivati huma kuntratti li fihom il-partijiet jaqblu dwar likwidità futura abbażi tal-valur ta' oġġett sottostanti.

19. Fil-prattika, il-prodotti derivati jistgħu għalhekk jintużaw għall-ġestjoni ta' riskji ekonomiċi jew finanzjarji marbuta ma' tibdil negattiv fil-prezz tal-assi sottostanti (hedging) jew għall-finijiet ta' investiment, jew permezz ta' spekulazzjoni dwar il-bidla fil-prezz ta' dan l-assi sottostanti (spekulazzjoni), jew fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn il-valur tal-assi sottostanti u l-prodott derivattiv tiegħu, billi tinxtara l-pożizzjoni kuntrarja (arbitraġġ)[2].

2 Jidher li l-kamp ta' applikazzjoni tat-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma huwiex limitat għall-prodotti derivati li jistgħu jagħtu lok għal trasferiment tal-proprjetà tal-assi sottostanti. Fil-fatt, it-tabella 3, imsemmija fl-Artikolu 1(492) tal-Liġi Nru 228/2012, issemmi, b'mod partikolari, prodotti derivati fuq il-bażi ta' indizji li l-oriġinalità tiegħu tinsab preċiżament fl-assenza ta' kunsinna effettiva tal-assi sottostanti.

20. Fid-dawl ta’ dan l-użu differenti li jista’ jsir mill-prodotti derivati, leġiżlazzjoni nazzjonali li tirregola jew li tintaxxa l-istrumenti finanzjarji derivati tagħha jistgħu eventwalment jaqgħu kemm taħt l-Artikolu 56 kif ukoll taħt l-Artikolu 63 TFUE.

21. Fil-fatt, sa fejn il-prodotti derivati jistgħu jintużaw biex ikopru riskju, jistgħu, minn naħa, jitqiesu li jaqgħu taħt il-moviment liberu ta’ servizzi. Min-naħa l-oħra, in-nomenklatura annessa mad-Direttiva tal-Kunsill 88/361/KEE tal-24 ta’ Ġunju 1988 għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 67 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 10, Vol. 1, p. 10), li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tista’ sservi ta’ gwida f’dan is-sens, iddefinixxiet il-kunċett ta’ “movimenti ta’ kapital” fis-sens li jkopru “aċċess għall-operatur ekonomiku għat-tekniki finanzjarji kollha disponibbli fis-suq (bħal) tranżazzjonijiet forward, tranżazzjonijiet li jġorru għażla jew mandat, tpartit kontra assi oħra, peress li t-tranżazzjonijiet relatati ma’ assi oħra eċċ.” [3]. Minħabba li l-għażliet, il-mandati u t-tpartit huma kollha kuntratti li fihom il-partijiet jaqblu dwar il-flussi ta’ flus futuri li jiddependu mill-valur ta’ assi sottostanti u, għalhekk, tad-derivati tagħhom, jidher li, evalwat fid-dawl tal-indikazzjonijiet ipprovduti mid-Direttiva 88/361, l-istrumenti finanzjarji derivati għandhom jitqiesu li jaqgħu wkoll taħt il-moviment liberu tal-kapital [4].

22. Madankollu, għandu jitfakkar li, meta miżura nazzjonali tirrigwarda kemm il-libertà li jiġu pprovduti servizzi kif ukoll il-moviment liberu tal-kapital, din il-miżura għandha tiġi eżaminata biss minn waħda minn dawn iż-żewġ libertajiet jekk jirriżulta li, fiċ-ċirkustanzi ta’ dan il-każ, waħda minnhom hija kompletament sekondarja meta mqabbla mal-oħra u tista’ tiġi kkunsidrata bħala magħquda magħha [5].

23. Fil-kawża prinċipali, ma jirriżultawx mid-dokumenti pprovduti lill-Qorti tal-Ġustizzja mill-qorti tar-rinviju r-raġunijiet li għalihom Société Générale ħarġet, biegħet jew xtrat [6] il-prodotti dderivati inkwistjoni, b’mod partikolari jekk dawn it-tranżazzjonijiet kinux intiżi jew le li jiħħeġġjaw kontra riskju.

24. Madankollu, l-istrumenti finanzjarji dderivati dejjem jirrappreżentaw investiment għal dawk li jżommuhom, u jikkostitwixxu servizz ta’ hedging biss taħt ċerti kundizzjonijiet speċifiċi. Minn dan isegwi li, f’dan il-kuntest, il-prinċipji li jirregolaw il-moviment liberu tas-servizzi għandhom jiġu kkunsidrati bħala sekondarji għal dawk li jirregolaw il-moviment liberu tal-kapital meta tkun involuta miżura li tirregola jew li tintaxxa d-derivati ta’ strumenti finanzjarji [7].

25. Sabiex, madankollu, tapplika xi waħda mil-libertajiet fundamentali assoċjati mas-suq intern, jeħtieġ li jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet: l-ewwel, is-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma għandhiex tkun purament interna għall-Istat Membru inkwistjoni [8], it-tieni, il-qasam kopert bil-miżura nazzjonali li l-kompatibbiltà tagħha mad-dritt tal-Unjoni ġiet ikkontestata jrid ikun għadu ma ġiex armonizzat għal kollox [9].

3 Għalkemm id-Direttiva 88/361 tħassret u ma tistax, bħala strument ta’ dritt sekondarju, tiddetermina l-interpretazzjoni utli tad-dritt primarju, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tqis li dan l-anness għandu valur indikattiv. Ara, per eżempju, is-sentenza tas-26 ta’ April 2012, *van Putten* (C-578/10 sa C-580/10, EU:C:2012:246, punt 28).

4 Madankollu, il-fatt li l-istrumenti finanzjarji derivati jaqgħu taħt il-moviment liberu tal-kapital ma jeskludix li dawn jistgħu jaqgħu wkoll taħt il-moviment liberu tas-servizzi. Ara, pereżempju, is-sentenza tad-9 ta’ Lulju 1997, *Parodi* (C-222/95, EU:C:1997:345, paragrafu 17).

5 Ara s-sentenza tas-26 ta’ Mejju 2016, *NN (L) International* (C-48/15, EU:C:2016:356, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata). Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja xi kultant tapplika diversi libertajiet b’mod kumulattiv. Ara, per eżempju, is-sentenza tal-11 ta’ Ġunju 2009, *X u Passenheim-van Schoot* (C-155/08 u C-157/08, EU:C:2009:368, punt 40).

6 Skont l-Artikolu 1(494) tal-Liġi Nru 228/2012, it-taxxa hija dovuta sa fejn hija stabbilita minn kull waħda mill-kontropartijiet għall-operazzjonijiet.

7 Kif ser nispjega iktar ’il quddiem, peress li l-imsemmija taxxa ma toħloqx diskriminazzjoni, id-determinazzjoni tal-punt dwar jekk jaqax taħt libertà fundamentali speċifika ma għandhiex konsegwenzi partikolari. Fil-fatt, l-identifikazzjoni tal-libertà fundamentali applikabbli għandha konsegwenzi prinċipalment fuq ġustifikazzjoni eventwali li tista’ tiġi mressqa abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni.

8 Sentenza tal-15 ta’ Novembru 2016, Ullens de Schooten (C-268/15, EU:C:2016:874, punt 47).

9 Ara perezempju, is-sentenza tas-16 ta’ Ottubru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-100/13, mhux ippubblikata, EU:C:2014:2293, punt 62).

26. Fir-rigward tar-rekwiżit li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma għandhiex tkun limitata minn kull lat għal Stat Membru wieħed, huwa ċar għalija li din il-kundizzjoni hija kompletament issodisfatta. Tassew, it-tilwima fil-kawża prinċipali hija kkaratterizzata minn fatturi li huma transkonfinali: ir-rikorrenti hija kumpannija stabbilita fi Stat Membru ieħor u t-taxxa kkontestata hija dovuta mhux biss għat-tranżazzjonijiet li jirrigwardaw id-derivati kkonċernati mwettqa fl-Italja, iżda wkoll fil-bqija tad-dinja.

27. Fir-rigward tal-qasam kopert mit-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali, sabiex jiġi ddeterminat jekk dan huwiex kompletament armonizzat fuq il-livell tal-Unjoni, għandha tiġi eżaminata n-natura tal-miżura inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

28. F'dan ir-rigward, peress li t-taxxa prevista fl-Artikolu 1(492) tal-Liġi Nru 228/2012 tinġabar indipendentement mill-kapaċità kontributtiva tal-persuna u tirriżulta mit-twettiq ta' tranżazzjoni speċifika, din it-taxxa għandha tiġi kkunsidrata bħala taxxa indiretta fis-sens tad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward qegħdin jiġu f'moħħi żewġ direttivi ta' armonizzazzjoni.

29. L-ewwel waħda hija d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006 L 347, p. 1) [10]. Madankollu, hija ġurisprudenza stabbilita li l-armonizzazzjoni li ġabet magħha din id-direttiva ma tippreskludix Stat Membru milli jżomm jew jintroduċi taxxi indiretti jekk ma jurux waħda mill-karatteristiċi essenzjali tal-VAT [11].

30. Fost il-karatteristiċi essenzjali tat-taxxa fuq il-valur miżjud, il-karatteristika prinċipali tagħha, minn fejn joriġina isimha, u li hija għalhekk essenzjali, fil-fehma tiegħi, sabiex taxxa taqa' fil-portata tal-armonizzazzjoni taħt id-Direttiva 2006/112, tinsab fil-fatt li t-taxxa tinġabar permezz ta' proċess f'diversi stadji. Kull negozju fil-katina tal-provvista jieħu sehem fil-proċess tal-kontroll u tal-ġbir tat-taxxa, billi jibgħat il-proporzjon tat-taxxa li tikkorrispondi għall-marġni tagħha [12]. Peress li t-taxxa prevista fl-Artikolu 1(492) tal-Liġi Nru 228/2012 ma hijiex miġbura permezz ta' proċess fi stadji, jirriżulta li din it-taxxa ma hijiex koperta mid-Direttiva 2006/112.

31. It-tieni miżura leġiżlattiva tal-Unjoni hija d-Direttiva tal-Kunsill 2008/7/KE tat-12 ta' Frar 2008 li tikkonċerna taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital (ĠU 2008, L 46, p. 11), li l-Artikolu 5 tagħha jippreskludi lill-Istati Membri milli jissuġġettaw għal kwalunkwe taxxa indiretta "il-ħolqien, il-ħruġ, l-ammissjoni għall-kwotazzjoni fil-borża, it-tqegħid fis-suq jew in-negozju ta' stocks, ishma jew titoli oħrajn ta' l-istess tip, jew taċ-ċertifikati li jirrappreżentaw dawn it-titoli, irrispettivament minn min ikunu maħruġa". Issa, sa fejn l-Artikolu 1(492) tal-Liġi Nru 228/2012 ma japplika għal ebda waħda dawn it-tranżazzjonijiet [13], it-taxxa prevista f'dan l-artikolu ma taqax taħt din il-projbizzjoni.

32. Għalhekk, jidher li l-qasam kopert mit-taxxa inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma ġiex armonizzat. Għaldaqstant, din it-taxxa tista' tiġi eżaminata fid-dawl tal-Artikolu 63 TFUE.

10 Ara l-premessi 2 sa 7 u l-Artikolu 401.

11 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-20 ta' Marzu 2014, Caixa d'Estalvis i Pensions de Barcelona (C-139/12, EU:C:2014:174, punt 28), u tat-3 ta' Ottubru 2006, Banca popolare di Cremona (C-475/03, EU:C:2006:629, punti 27 u 28).

12 Ara l-OECD, "*International VAT/GST Guidelines*", 2017, OECD Publishing, Pariġi, 2017, https://doi.org/10.1787/9789264271401-en. Ara wkoll is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2006, Banca popolare di Cremona (C-475/03, EU:C:2006:629, punti 28 u 30).

13 Azzjonijiet jew titoli oħra tal-istess tip, jew ċertifikati huma suġġetti għat-taxxa prevista mhux fl-Artikolu 1(492), iżda fl-Artikolu 1(491) tal-Liġi Nru 228/2012, li teskludi espressament mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-ħruġ ta' dan it-tip ta' strument finanzjarju.

33. Peress li tal-inqas waħda mil-libertajiet fundamentali hija applikabbli, lanqas ma hemm lok li din it-taxxa tiġi eżaminata fid-dawl tal-Artikolu 18 TFUE. Tabilħaqq, l-Artikolu TFUE, li jistabbilixxi projbizzjoni ġenerali ta' kull diskriminazzjoni abbażi ta' nazzjonalità, huwa maħsub biex japplika biss għal sitwazzjonijiet irregolati mid-dritt tal-Unjoni li fir-rigward tagħhom it-Trattat ma jistabbilixxi ebda regola speċifika ta' nondiskriminazzjoni [14]. Peress li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni ġie implimentat fil-qasam tal-moviment liberu tal-kapital permezz tal-Artikolu 63 TFUE, il-kwistjoni mqajma mill-qorti tar-rinviju għandha tiġi eżaminata biss fid-dawl tal-Artikolu 63 TFUE.

## B. Fuq l-eżami li għandu jsir

34. Bħala punt preliminari, għandu jitfakkar li l-applikazzjoni tal-libertajiet fundamentali fil-qasam tat-tassazzjoni tippreżenta xi karatteristiċi speċifiċi. Fil-fatt, f'oqsma oħra għajr it-taxxa, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja turi li sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' restrizzjoni, huwa biżżejjed li miżura għandha ċans li tipprojbixxi, li tostakola jew li tirrendi inqas attraenti l-eżerċizzju ta' libertà fundamentali [15]. Għaldaqstant, restrizzjoni tista' tieħu l-forma ta' miżura indistinta [16].

35. Min-naħa l-oħra, fil-kuntest ta' taxxa, il-kunċett ta' restrizzjoni huwa applikat b'mod iktar limitat. Huwa minħabba n-natura stess tat-taxxa nnifisha, peress li s-sempliċi fatt li attività jew tranżazzjoni tkun suġġetta għal taxxa tirrendi neċessarjament din l-attività inqas attraenti fil-kuntest tal-eżerċizzju ta' waħda mill-erba' libertajiet assoċjati mas-suq intern. Għaldaqstant, sabiex ma tfixkilx il-kapaċità tal-Istati Membri li jgħollu t-taxxi [17], miżuri diskriminatorji tat-taxxa biss jikkostitwixxu restrizzjonijiet għall-għan tal-applikazzjoni ta' dawn il-libertajiet [18]. Minħabba din ir-raġuni tas-sistema legali speċifika għall-miżuri tat-taxxa, huwa irrilevanti, fil-fehma tiegħu, jekk it-taxxa inkwistjoni hijiex diretta jew indiretta [19].

36. Għalhekk, sabiex tkun identifikata restrizzjoni għal-libertà fundamentali ta' moviment, huwa meħtieġ li jitwettaq l-istess test bħal dak li huwa applikat fir-rigward tal-prinċipju ta' trattament ugwali, jiġifieri li l-miżura nazzjonali inkwistjoni ma għandhiex tittratta b'mod differenti żewġ sitwazzjonijiet li, fid-dawl tal-kontenut [20] ta' din il-miżura jew l-għan segwit [21] - sakemm dan l-objettiv ma jkunx innifsu diskriminatorju -, jew il-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-qasam ikkonċernat [22], huma komparabbli, bir-riżultat ta' żvantaġġar ta' tranżazzjonijiet transkonfinali [23]. Għall-kuntrarju, miżuri li jittrattaw sitwazzjonijiet differenti li huma fil-verità identiċi bir-riżultat li jiġu żvantaġġati t-tranżazzjonijiet transkonfinali jikkostitwixxu wkoll restrizzjonijiet [24].

14 Sentenza tal-31 ta' Marzu 2011, Schröder (C-450/09, EU:C:2011:198, punt 28).

15 Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-25 ta' Jannar 2007, Festersen (C-370/05, EU:C:2007:59, punt 24), tat-22 ta' Jannar 2015, Stanley International Betting u Stanleybet Malta (C-463/13, EU:C:2015:25, punt 45), kif ukoll tat-22 ta' Ġunju 2017, Bechtel (C-20/16, EU:C:2017:488, punt 37).

16 Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' Novembru 1995, Gebhard (C-55/94, EU:C:1995:411, punt 37) u tal-21 ta' Diċembru 2016, AGET Iraklis (C-201/15, EU:C:2016:972, punt 49).

17 Ara s-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2007, Columbus Container Services (C-298/05, EU:C:2007:754, punt 53); tas-26 ta' Mejju 2016, NN (L) International (C-48/15, EU:C:2016:356, punt 47). Ta' min jinnota, fir-rigward tal-moviment liberu tal-kapital, li l-Artikolu 65 TFUE jiddikjara espressament li: "id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 63 m'għandhomx jippreġudikaw id-dritt ta' l-Istati Membri... li japplikaw id-dispożizzjonijiet relevanti tal-liġi fiskali tagħhom li jagħmlu distinzjoni bejn persuni li jħallsu t-taxxa li mhumiex fl-istess sitwazzjoni rigward il-post ta' residenza tagħhom jew rigward il-post fejn il-kapital tagħhom ikun investit". Madankollu, din id-deroga hija, min-naħa tagħha, limitata mill-paragrafu 3 ta' dan l-istess artikolu, li jipprovdi li "[i] l-miżuri u l-proċeduri msemmija fil-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-moviment liberu ta' kapital u ħlasijiet kif definit fl-Artikolu 63".

18 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-14 ta' Frar 1995, Schumacker (C-279/93, EU:C:1995:31, punt 24).

19 Ara, pereżempju, is-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-253/09, EU:C:2011:795), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja applikat dan il-kriterju għal taxxa fuq ix-xiri ta' proprjetà immobbli, ta' 25 % ta' din il-proprjetà immobbli, li hija taxxa indiretta.

20 Ara, pereżempju, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, Timac Agro Deutschland (C-388/14, EU:C:2015:829, punt 28).

21 Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-1 ta' Diċembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (C-253/09, EU:C:2011:795, punt 61).

22 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Frar 2017, X (C-283/15, EU:C:2017:102, punt 37).

23 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' April 2016, Sparkasse Allgäu (C-522/14, EU:C:2016:253, punt 29).

24 Għandu jiġi rrilevat li, fil-qasam fiskali, il-maġġoranza tal-ostakoli kkonstatati fil-ġurisprudenza huma indiretti, peress li huma marbuta mar-residenza pjuttost milli man-nazzjonalità.

37. Għalkemm mhux is-sentenzi kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja jirreferu għat-terminu "diskriminazzjoni", dan l-approċċ jista' madankollu jitqies bħala ġurisprudenza stabbilita, tal-inqas sa mis-sentenza tas-17 ta' Lulju 2014, Nordea Bank Danmark (C-48/13, EU:C:2014:2087). F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kompożizzjoni tal-Awla Manja, fakkret li kien neċessarju li tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura paragunabbli tas-sitwazzjonijiet [25].

38. Fl-aħħar, anki meta din tkun ta' natura diskriminatorja, miżura fiskali ma tmurx kontra l-prinċipju ta' moviment liberu tal-kapital jekk din tkun iġġustifikata minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali u tal-prinċipju ta' proporzjonalità. F'dan il-kuntest, il-prinċipju ta' proporzjonalità jeżiġi biss li l-miżura tkun xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tal-għan imfittex leġittimament u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju għal dan il-għan [26].

39. F'dan il-każ, il-partijiet qajmu l-kwistjoni dwar jekk teżistix rabta territorjali effettiva u oġġettiva bejn it-taxxa prevista fl-Artikolu 1(492) tal-Liġi Nru 228/2012 u l-ordinament ġuridiku Taljan. Għalkemm din il-kwistjoni tqajmet b'mod prinċipali fil-kuntest tal-kompatibbiltà tat-taxxa mal-kostituzzjonali Taljana, sa fejn din il-kwistjoni tista' tikseb ċerta rilevanza fil-kuntest ta' din il-proċedura, nipproponi li jiġi eżaminat jekk, fil-kuntest tad-dritt tal-Unjoni, għandux jittieħed inkunsiderazzjoni jew le id-dritt internazzjonali.

40. F'dan ir-rigward, nikkunsidra li l-osservanza tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali ma hijiex, bħala tali, direttament rilevanti sabiex jiġi ddeterminat jekk miżura taqax taħt il-kamp tal-kompetenzi fiskali — u, għaldaqstant, liema test għandu jiġi applikat — jew jekk għandhiex tiġi kkunsidrata bħala restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital fis-sens tal-Artikolu 63 TFUE.

41. Huwa minnu, ovvjament, li minħabba l-Artikolu 113 TFUE, l-Istati Membri għandhom kompetenza kondiviża mal-Unjoni fil-qasam tat-taxxi indiretti. Madankollu, fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni, it-taxxi fuq l-istrumenti finanzjarji derivati, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jibqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri. Minn dan isegwi, għalhekk, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandha l-ebda ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi jekk l-Istati Membri jikkonformawx mad-dritt internazzjonali pubbliku meta jadottaw miżuri tat-taxxa. Naturalment, kif jirriżulta perfettament ċar mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Unjoni Ewropea trid tikkonforma ruħha hija stess mar-rekwiżiti tad-dritt internazzjonali meta tiddeċiedi li teżerċita l-poteri tagħha [27]. Iżda dan ma jfissirx li d-dritt tal-Unjoni Ewropea jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri għandhom jeżerċitaw il-poteri sovrani miżmuma tagħhom b'konformità mal-prinċipji tad-dritt internazzjonali. Lanqas ma jsegwi neċessarjament li l-eżistenza ta' restrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 63 TFUE tista' tiġi dedotta mis-sempliċi fatt li Stat Membru eċċeda l-limiti tal-ġurisdizzjoni tiegħu fid-dritt internazzjonali.

42. Wieħed jista' jinnota wkoll li l-għan tal-libertajiet fundamentali stabbiliti mit-Trattati huwa wieħed intiż sabiex jiġi żgurat li l-funzjonament tas-suq uniku ma huwiex affettwat mill-mod li bih l-Istati Membri jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom. Konsegwentement, sabiex dawn il-libertajiet jipprekludu l-adozzjoni ta' miżuri nazzjonali, tali miżuri għandhom ikunu tali li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament tas-suq uniku. Il-fatt li Stat Membru jkun eżerċita s-setgħa leġiżlattiva tiegħu b'mod li jmur kontra r-rekwiżiti tad-dritt internazzjonali ma jimplikax li l-miżura adottata hija tali li taffettwa wkoll

25 Punt 23.

26 Sentenza tal-21 ta' Mejju 2019, Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt fuq l-art agrikola) (C-235/17, EU:C:2019:432, punt 59). Fil-każ ta' diskriminazzjoni diretta, hija tista' tiġi ġġustifikata biss minn waħda mir-raġunijiet previsti mit-Trattat. Ara, per eżempju, is-sentenza tat-22 ta' Ottubru 2014, Blanco u Fabretti (C344/13 u C367/13, EU:C:2014:2311, punt 38).

27 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Novembru 2018, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Żoni Marittimi Protetti tal-Antartiku) (C-626/15 u C-659/16, EU:C:2018:925, punt 127).

il-funzjonament tas-suq uniku. Minn dan isegwi, għalhekk, li l-fatt li Stat Membru eżerċita l-kompetenza tiegħu b'mod li huwa kuntrarju għall-kunċetti tad-dritt internazzjonali ma jidhirx, fih innifsu, direttament rilevanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kwistjoni dwar jekk il-miżura nazzjonali tmurx kontra r-rekwiżiti tal-Artikolu 63 TFUE [28].

43. Fil-fehma tiegħi, jekk id-dritt internazzjonali għandu xi rwol, dan huwa purament bħala ġustifikazzjoni fir-rigward ta' miżura fiskali nazzjonali partikolari. Peress li l-Unjoni għandha tikkonforma ruħha mad-dritt internazzjonali meta teżerċita l-kompetenzi tagħha, l-Istati Membri jistgħu jistrieħu fuq l-obbligi internazzjonali tagħhom – filwaqt li jirrispettaw l-Artikolu 344 TFUE – biex jiġġustifikaw l-adozzjoni ta' restrizzjoni għall-finijiet tal-Artikolu 63 TFUE [29]. Madankollu, meta jaġixxu *barra* mill-kamp tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-kwistjoni dwar jekk l-Istati Membri humiex marbuta jirrispettaw id-dritt internazzjonali, u konsegwentement jekk jagħmlux dan jew le, ma taqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja.

44. Li kieku kien mod ieħor, dan jista' jfisser li Stati li għandhom sistema dualista - jew waħda assoċjata mad-dualiżmu – jistgħu jikkonstataw li d-dritt internazzjonali jsir direttament applikabbli fl-ordinament ġuridiku tagħhom – anki sa fejn hija kkonċernata s-sovranità esklużiva miżmuma tagħhom – minħabba l-funzjonament tal-libertajiet fundamentali.

45. Jista' jiġi osservat li, fi kwalunkwe każ, il-Qorti tal-Ġustizzja qatt qabel ma wettqet tali eżami. B'hekk, pereżempju, fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju 2016, NN (L) International (C-48/15, EU:C:2016:356), dwar it-tassazzjoni ta' unitajiet ta' impriżi ta' investiment kollettiv (IIK) li jsiru kull sena fil-Belġju, ikun liema jkun il-post ta' residenza tal-organi li joħorġu dawn l-unitajiet jew tal-post tan-negozjar tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kompatibbiltà ta' din it-taxxa mal-libertajiet fundamentali mingħajr ma eżaminat jekk tali Stat Membru kkonċernat kellux ġurisdizzjoni sabiex jagħmel dan skont id-dritt internazzjonali.

46. Għalhekk, anki jekk jitqies li t-taxxa inkwistjoni tista' possibbilment tqajjem kwistjonijiet dwar jekk l-Italja għandhiex kompetenza skont id-dritt internazzjonali sabiex tinġabar it-taxxa inkwistjoni – peress li t-taxxa tapplika indipendentement mill-post fejn saret it-tranżazzjoni – jiena nikkunsidra li fir-realtà, ma hemmx bżonn li jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet sabiex tingħata risposta għad-domanda magħmula mill-Commissione Tributaria Regionale per la Lombardia.

## C. Dwar l-eżistenza ta' restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital fis-sens tal-Artikolu 63 TFUE

47. Skont Société Générale, l-Artikolu 1(492) tal-Liġi Nru 228/2012 jikkostitwixxi restrizzjoni doppja. Fil-fatt, minn naħa, it-taxxa prevista minn din id-dispożizzjoni tista' tiskoraġġixxi investituri barranin milli jinvestu fi strumenti finanzjarji derivati li jkunu bbażati fuq assi rregolati mid-dritt Taljan. Min-naħa l-oħra, l-implementazzjoni ta' din it-taxxa toħloq, flimkien ma' dawk diġà previsti mill-Istat ta' residenza tal-partijiet, ċerti obbligi ġodda ta' dikjarazzjoni.

48. F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, billi sostniet it-teżi tagħha li l-Artikolu 1(492) tal-Liġi Nru 228/2012 joħloq tali restrizzjoni doppja, Société Générale tinvoka, essenzjalment, l-osservazzjonijiet tagħha fuq is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-qasam tan-nuqqas ta' tassazzjoni. Kif diġà indikajt iktar 'il fuq, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja adottat definizzjoni iktar restrittiva

28 Fir-rigward tal-possibbiltà li tiġi dedotta restrizzjoni għal-libertà fundamentali minn nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' Stat Membru, fis-sens tad-dritt internazzjonali, rigward l-adozzjoni tal-miżura inkwistjoni, nixtieq nenfasizza wkoll li, kif imsemmi iktar 'il fuq, fil-qasam fiskali, sabiex miżura tikkostitwixxi restrizzjoni, din il-miżura għandha tittratta sitwazzjonijiet komparabbli b'mod differenti. Fid-dawl ta' dan it-test, il-portata tal-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru tidher li hija irrelevanti. Għalkemm huwa minnu li, sabiex tiġi evalwata n-natura paragunabbli ta' żewġ sitwazzjonijiet, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-prinċipji ġenerali li jirregolaw il-qasam ikkonċernat, dan huwa biss sabiex jiġi eżaminat jekk t-trattament ta' dawn iż-żewġ sitwazzjonijiet huwiex konformi mal-leġiżlazzjoni nazzjonali kollha.

29 Ara d-digriet tal-5 ta' Settembru 2019, Caisse pour l'avenir des enfants (C-801/18, EU:C:2019:684, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

tal-kunċett ta' "restrizzjoni" fil-qasam fiskali milli f'oqsma oħra. Sabiex tikkostitwixxi restrizzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni, ma huwiex biżżejjed, fih innifsu, li l-miżura kontenzjuża tiddisswadi lill-persuni mhux residenti milli jinvestu fi strumenti finanzjarji nazzjonali: il-miżura inkwistjoni għandha minflok tistabbilixxi diskriminazzjoni diretta jew indiretta għad-detriment speċifiku tat-tranżazzjonijiet transkonfinali.

49. Peress li, fil-kawża prinċipali, it-taxxa inkwistjoni hija dovuta indipendentement mir-residenza tal-partijiet għall-tranżazzjoni jew tal-intermedjarji eventwali, din it-taxxa ma toħloq ebda tali diskriminazzjoni pprojbita mill-Artikolu 63 TFUE.

50. L-ewwel nett, mill-perspettiva tal-investituri, din it-taxxa ma tikkostitwixxix diskriminazzjoni peress li din it-taxxa tapplika indipendentement min-nazzjonalità jew mill-post ta' residenza tagħhom[30].

51. Min-naħa l-oħra, huwa minnu li, fir-rigward tad-derivati, tali taxxa tistabbilixxi differenza fit-trattament bejn dawk li għandhom bħala assi sottostanti strument finanzjarju suġġett għad-dritt Taljan u maħruġ minn kumpanniji Taljani, minn naħa, u dawk maħruġa minn kumpanniji rreġistrati f'pajjiż ieħor.

52. Madankollu, jista' jitfakkar li l-Artikolu 1(492) tal-Liġi Nru 228/2012 huwa intiż sabiex jintaxxa l-prodotti derivati li huma suġġetti għall-istrumenti finanzjarji rregolati mil-leġiżlazzjoni Taljana għall-assi sottostanti, li fih innifsu ma jikkostitwixxix forma ta' diskriminazzjoni diretta. Għalhekk, il-prodotti dderivati li l-assi sottostanti tagħhom huma rregolati mil-liġi Taljana għandhom jitqiesu li ma humiex paragunabbli ma' dawk tal-prodotti dderivati li l-assi sottostanti tagħhom ma jaqgħux taħt din il-liġi. Għaldaqstant, din id-differenza fit-trattament ma taqax taħt il-kunċett ta' diskriminazzjoni taħt id-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-imsemmija miżura ma tikkostitwixxix restrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 63 TFUE.

53. Fir-rigward tal-obbligi ta' dikjarazzjoni li din it-taxxa toħloq barra minn dawk diġà eżistenti fl-Istat Membru ta' residenza, dawn l-obbligi jidhru li huma limitati għal dak li huwa neċessarju sabiex jiġi żgurat ir-rispett effettiv u fil-ħin tal-implementazzjoni ta' din it-taxxa. B'mod partikolari, ma hemm embda indikazzjoni li entitajiet mhux residenti huma suġġetti għal obbligi differenti minn dawn imposti fuq ċittadini Taljani jew anki residenti Taljani. Tali akkumulu ta' obbligi għandhom għalhekk jiġu kkunsidrati bħala li huma sempliċement il-konsegwenza tal-eżerċizzju parallel minn żewġ Stati Membri tal-kontrolli fiskali tagħhom[31].

54. Għalhekk, sa fejn dawn l-obbligi ta' dikjarazzjoni, li jirriżultaw mit-taxxa stipulata fl-Artikolu 1(492) tal-Liġi Nru 228/2012, jikkostitwixxu biss karatteristika aċċessorja tal-elementi ta' kontroll ta' din it-taxxa, ma jistgħux huma stess ikunu kuntrarji għad-dritt tal-Unjoni jekk (kif diġà kkonkludejt) it-taxxa sottostanti ma hijiex[32].

55. Minn dan isegwi, fil-fehma tiegħi, li t-taxxa prevista fl-Artikolu 1(492) tal-Liġi Nru 228/2012 ma tmurx kontra r-rekwiżiti tal-moviment liberu tal-kapital fl-Artikolu 63 TFUE.

30 Bl-istess mod, kuntrarjament għal dak li ssostni Société Générali, ebda diskriminazzjoni ma tista' tiġi dedotta mill-fatt li din it-taxxa tittratta residenti u mhux residenti b'mod identiku, peress li, fid-dawl tal-għan ta' din it-taxxa, dawn il-kategoriji ta' persuni differenti għandhom jiġu kkunsidrati li huma fl-istess sitwazzjoni.

31 Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-14 ta' April 2016, Sparkasse Allgäu (C-522/14, EU:C:2016:253, punt 25).

32 Il-qorti tar-rinviju rreferiet biss għall-obbligi ta' identifikazzjoni tat-tranżazzjoni kkonċernata, għaż-żamma ta' reġistru u għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni, li kollha jidhru inerenti għat-taxxa nfisha.

## IV. Konklużjoni

56. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi magħmula mill-Commissione Tributaria Regionale per la Lombardia (l-Italja) kif ġej:

**L-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat bħala li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali milli timponi taxxa fuq tranżazzjonijiet finanzjarji – irrispettivament mill-Istat ta' residenza tal-parteċipanti fis-suq finanzjarju u l-intermedjarju – li hija dovuta mill-kontropartijiet fit-tranżazzjoni u hija magħmula minn ammont fiss li jiżdied u valuri nnegozzjati u li tvajra skont it-tip ta' strument innegozjat u l-valur tal-kuntratt, u li hija dovuta minħabba l-fatt li t-tranżazzjonijiet taxxabbli jikkonċernaw in-negozjati ta' derivattiv ibbażat fuq sigurtà mogħtija minn kumpannija residenti fl-Istat Membru ta' tassazzjoni stess.**